MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tad-29 ta' Frar, 2012

Rikors Kongunt Numru. 450/2011

**A B u C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-29 ta' Dicembru, 2011;

Rat l-affidavit bix-xhieda tal-partijiet;

Rat il-provi kollha li tressqu;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rekwiziti mehtiega mill-Ligi sabiex il-Qorti tippronunzja il-hall taz-zwieg gew sodisfatti; u peress illi irrizulta illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mill-11 ta' Ottubru, 1989. Il-Qorti rat illi irrizulta illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi il-partijiet iddikjaraw u ikkonfermaw bil-gurament taghhom illi qeghdin jircievu manteniment adegwat u li ma hemm l-ebda pendenzi f'dan ir-rigward;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------